

31994L0052

L 331/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.12.1994

ID-DIRETTIVA 94/52/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tas-7 ta' Diċembru 1994****li temenda għat-tieni darba d-Direttiva 88/344/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-solventi ta' l-estrazzjoni wżati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel**

IL-PARLAMENT EWROPEW U IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

L-Artikolu 2

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi d-Direttiva 88/344/KEE ⁽⁴⁾, ħassret mill-Parti III ta' l-Anness, mill-1 ta' Jannar 1994, is-solvent ċikloekżane, użat fit-tnejn ta' taħwir;

Billi, fuq il-bażi tat-tagħrif komplimentari rċevut sa dan it-tant, il-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel iddeċieda li jerġa' jdaħħal l-aċċettazzjoni temporanja tiegħu ta' qabel għal din is-sustanza; billi l-użu ta' dan is-solvent jista' għalhekk jiġi ssoktat, sakemm toħroġ l-opinjoni definittiva ta' dak il-Kumitat,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness mad-Direttiva 88/344/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

fil-Parti III: Is-solvent ċikloekżane għandu jiġi mdaħħal mill-ġdid b'limitu massimu ta' residwi ta' 1 mg/kg.

1. L-Istati Membri għandhom jemendaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom hekk li jippermettu l-kummerċ fil-prodotti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mis-7 ta' Diċembru 1995.

Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri riferiti fil-paragrafu 1, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Diċembru 1994.

*Għall-Parlament Ewropew**Għall-Kunsill**Il-President**Il-President*

K.HÄNSCH

G.REXRODT

⁽¹⁾ ĠU C 15, tat-18.1.1994, p. 17.

⁽²⁾ ĠU C 133, tas-16.5.1994, p. 21.

⁽³⁾ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Frar 1994. (ĠU C 61, tat-28.2.1994, p. 101), il-Pożizzjoni komuni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 1994 (ĠU C 172, ta' l-24.6.1994, p. 1) u d-Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 1994 (ĠU C 276, tat-3.10.1994, p. 13).

⁽⁴⁾ ĠU L 157, ta' l-24.6.1988, p. 28. Id-direttiva kif emendata bid-Direttiva Nru 92/115/KEE (ĠU L 409, tal-31.12.1992, p. 31).